



23.01.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima III - Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi
(2023/2129(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Petar Vitanov

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-“Qorti”) li l-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2022 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE; jiddispjaċih li l-livell ta' żball għall-infiq baġitarju żdied minn 3 % għal 4,2 %; jinnota li dan il-livell ta' żball jirriżulta prinċipalment mill-intestatura “Koeżjoni, reżiljenza u valuri”; jirrimarka li, f'konformità mal-valutazzjoni tal-Qorti, l-iżbalji huma kemm materjali kif ukoll mifruxa u li r-rati oġhla tagħhom jikkorrelataw ma' regoli aktar ikkumplikati;
2. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-baġit tal-2022 kienet għadha parzjalment affettwata mill-adozzjoni tardiva tar-Regolament QFP, inflazzjoni għolja u pagamenti tal-imgħax oġhla tal-NGEU relatati ma' rati tal-imgħax oġhla b'mod ġenerali kkawżati minn inflazzjoni li tiżdied; jirrimarka, barra minn hekk, li ġiet affettwata ħafna mill-gwerra ta' aggressjoni illegali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll mill-ħtieġa li jingħata appoġġ umanitarju u finanzjarju kumpless;
3. Jinnota li l-baġit finali għall-appropriazzjonijiet ta' impenn li jammonta għal EUR 182,2 biljun – 'il fuq mil-limitu massimu tal-QFP ta' EUR 179,8 biljun – sar possibbli bis-saħħa ta' strumenti speċjali, bħall-Istrument ta' Flessibbiltà, ir-riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza, għal ammonti li jaqbżu sew il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju ta' seba' snin (massimu ta' EUR 21,1 biljun fi prezzijiet tal-2018 għall-QFP ta' seba' snin);
4. Jenfasizza li, fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, xi stadji importanti u miri ma kinux ċari jew ma koprewx l-istadji ewlenin kollha tal-implimentazzjoni tal-miżura; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-użu tal-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali kif ukoll il-kontroll sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu u valur miżjud ta' dawk il-fondi, speċjalment fis-settur tat-trasport u tat-turiżmu;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm appoġġ ta' konsulenza addizzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri sabiex jinnavigaw il-finanzjament simultanju relatat mal-assorbiment tal-fondi minn diversi strumenti fl-istess ħin, jiġifieri l-għeluq tal-programmi tal-FSIE li fadal mill-QFP 2014–2020, b'kont meħud li l-implimentazzjoni tal-fondi ta' ġestjoni kondiviża tal-2021–2027 fl-ambitu tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni bdiet ukoll, għalkemm b'dewmien; jiddispjaċih li l-adozzjoni tardiva tal-leġiżlazzjoni għall-fondi ta' ġestjoni kondiviża mill-QFP 2021–2027 u l-implimentazzjoni parallela ta' diversi strumenti rriżultaw fi pressjoni fuq ir-riżorsi amministrattivi li wasslu għal dewmien fl-approvazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija kollha mal-Istati Membri u tal-biċċa l-kbira tal-programmi; jinnota fl-istess ħin, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri waslu għall-fażi ta' implimentazzjoni tal-finanzjament tal-NGEU. jisħaq li, flimkien ma' dan kollu, jeħtieġ li jsegwu miżuri introdotti b'rabta mal-gwerra

ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, bħal CARE u FAST-CARE, li jwasslu biex l-Istati Membri jutilfu l-finanzjament;

6. Jirrikonoxxi li, fl-2022, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa laħqet il-fażi ta' implimentazzjoni sħiħa tagħha u jqis dan bħala kisba; jiddispjaċih dwar it-tnaqqis, meta mqabbel mal-2021, fil-finanzjament għal sejħiet għal proposti fl-ambitu tal-istrument ta' finanzjament tal-FNE Trasport 2022 dwar proġetti mmirati lejn infrastruttura tat-trasport Ewropea ġdida, aġġornata u mtejba; jieħu nota tal-fatt li s-sejħiet tal-FNE Trasport 2022 li tnedew matul it-tielet trimestru tal-2022 fetħu possibbiltajiet ta' finanzjament addizzjonali b'EUR 6 biljun addizzjonali ta' kofinanzjament mill-UE; jinsisti li linja baġitarja għolja biżżejjed tal-FNE Trasport hija kruċjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tan-network TEN-T, inkluż it-*tkabbir fir-reġjun tal-Lvant* biex tiġi pprovduta konnessjoni mas-*sħab tal-Lvant* bħall-Ukrajna, l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport Ewropew, iż-*żieda fil-mobbiltà militari* u t-*tpaċija tar-rati* ta' inflazzjoni għoljin mingħajr preċedent;
7. Jinnota li l-2022 kienet it-tieni sena ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas li jappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni tat-trasport fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027; jilqa' t-tlestija b'suċċess ta' tliet sejħiet ewlenin għat-trasport f'Jannar, April u Settembru, ta' EUR 122 miljun, EUR 253 miljun u EUR 91 miljun rispettivament, li wasslu għal proġetti ġodda ta' riċerka u innovazzjoni tat-trasport fl-oqsma tat-trasport bit-triq, l-avjazzjoni u t-trasport fuq l-ilma, kif ukoll dwar l-infrastrutturi, in-network multimodali / il-ġestjoni tat-traffiku, il-loġistika u servizzi ġodda ta' mobbiltà;
8. Jenfasizza li l-konnettività hija kruċjali għall-koeżjoni u aktar u aktar għall-Istati Membri fil-periferija tas-Suq Uniku; għalhekk, jemmen li huwa fundamentali għall-UE li jkollha rwol ewlieni fit-trawwim ta' kundizzjonijiet ekwi globali fis-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu;
9. Itenni li l-mobbiltà hija dritt taċ-ċittadini Ewropej; għalhekk, jenfasizza li huwa kruċjali li l-mobbiltà u t-trasport ikunu disponibbli, interkonnessi, effiċjenti u bi prezzijiet raġonevoli għal kulħadd u li l-politiki kollha tat-trasport tal-UE jitfasslu f'konformità ma' dan il-prinċipju essenzjali; isostni li ħadd ma jista' jitħalla jibqa' lura, li r-reġjuni rurali u remoti jeħtieġ li jkunu konnessi aħjar, u barra minn hekk, it-trasport u l-mobbiltà jridu jkunu aċċessibbli għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u għall-persuni b'diżabbiltà;
10. Jinnota li l-2022 kienet is-sena inawgurati tal-implimentazzjoni tal-Qafas il-Ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana, komponent integrali tal-pakkett dwar il-Mobbiltà Effiċjenti u Ekoloġika, biex tittejjeb il-mobbiltà urbana; jirrimarka li d-DĠ MOVE ħa miżuri proattivi, inkluż l-istabbiliment ta' grupp ta' esperti riformat tal-Kummissjoni dwar il-mobbiltà urbana, u ħejja r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Programmi Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Ippjanar tal-Mobbiltà Urbana Sostenibbli; jilqa' l-fatt li matul l-2022, ġew eżegwiti sensiela ta' avvenimenti ta' komunikazzjoni organizzati b'mod metikoluż bl-għan espliċitu li javvanzaw is-sensibilizzazzjoni dwar l-inizjattivi tal-Mobbiltà Urbana u l-fehim tagħhom; madankollu, josserva bi tħassib li dan il-Qafas ma jirrikonoxxi li l-modi kollha tat-trasport għandhom ir-rwol tagħhom u kull ċittadin għandu d-dritt li jagħżel il-mod ta' trasport skont il-preferenzi u l-ħtiġijiet tiegħu;

11. Japprova l-ħidma tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA) fil-ġestjoni effettiva tal-programmi delegati tagħha u fl-appoġġ lid-DĠ MOVE fil-kisba tal-oġġettivi strateġiċi tiegħu skont l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti;
12. Jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li tesplora l-benefiċċji u l-possibbiltajiet ta' modi ġodda ta' trasport, bħall-Hyperloop;
13. Ifaħħar il-ħidma leġiżlattiva tad-DĠ MOVE biex jikkontribwixxi għall-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni, bħall-inizjattiva FuelEU Maritime, ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi jew l-inizjattiva ReFuelEU Aviation; jiddispjaċih madankollu li l-proposti tal-Pakkett imsejjaħ "Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku", bħall-Piżijiet u d-Dimensjonijiet jew it-Trasport Ikkombinat, waqgħu lura;
14. Jappella għall-preparazzjoni tar-reviżjoni tal-qafas regolatorju: a) għat-trasport ferrovjarju, biex jitneħħew l-ostakoli regolatorji eżistenti sabiex isir alternattiva kompetittiva, b'enfasi partikolari fuq id-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-kapaċità li huma meħtieġa biex jiġu moqdiya aħjar il-bżonnijiet tas-servizzi tal-merkanzija u biex jiġu rregolati l-istandards tekniċi u operattivi li bħalissa huma nazzjonali; b) kemm għat-trasport ikkombinat, fejn l-iskop tiegħu jitwessgħa għal trasport intermodali, kif ukoll għat-trasport bit-triq; jinnota li dawn ir-reviżjonijiet għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-implimentazzjoni diverġenti mill-Istati Membri, biex jinkludu dispożizzjonijiet dwar id-diġitalizzazzjoni tal-flussi ta' informazzjoni, u jsaħħu l-inċentivi għat-trasport intermodali;
15. Jappella għal proġetti transfruntiera u multinazzjonali u biex jiġu ssimplifikati, aċċelerati u armonizzati d-diġitalizzazzjoni u l-proċess regolatorju għal proġetti ta' infrastruttura, speċjalment għall-interkonnessjonijiet u l-konġestjonijiet transfruntiera;
16. Jirrimarka li l-investment pubbliku kontinwu u li qed jiżdied biex tiġi żgurata infrastruttura fuq skala kbira, speċjalment in-network TEN-T, huwa kruċjali biex tiġi pprovduta l-interkonnnettività, tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u jittieħed benefiċċju sħiħ mill-opportunitajiet tas-Suq Uniku; jisħaq fuq l-importanza li jiġi ffinalizzat in-network ewlieni tat-TEN-T sal-2030; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Istati Membri b'linji gwida ċari dwar kif iwettqu l-istudju tas-suq u kif ifasslu pjan ta' żvilupp għat-terminals, b'attenzjoni partikolari għall-aspetti transfruntiera u tul il-Kurituri tan-Network Ewlieni; jisħaq fuq l-importanza li tiġi stabbilita data mmirata għall-implimentazzjoni fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid tat-TEN-T;
17. Jissottolinja l-fatt li finanzjament tar-reviżjoni tan-network TEN-T għandu jirrifletti sewwa l-estensjoni tal-konnessjoni fil-Viċinat tal-Lvant u jkompli jagħti attenzjoni lil dan l-aspett; jinsisti, f'dan ir-rigward, li l-aċċettazzjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-żona Schengen ma tiddewwimx aktar, bl-għan li tiġi żgurata konnessjoni tat-trasport bla xkiel lejn il-Lvant;
18. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq fit-30 ta' Diċembru 2023 mill-Istati Membri tal-UE dwar it-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni tal-ajru u marittimi mar-Rumanija u l-Bulgarija; ihegġegħ lill-Kummissjoni tanalizza l-għażliet kollha possibbli biex tiddefendi d-dritt taċ-ċittadini Rumani u Bulgari għall-moviment liberu, filwaqt li tiżgura trasport bit-triq u

mobilità bla xkiel bejn ir-Rumanija u l-Bulgarija u l-bqija tal-Unjoni biex tiżgura li s-Suq Uniku jaħdem għal kulħadd; jissottolinja li l-adeżjoni tar-Rumanija u tal-Bulgarija maż-żona Schengen hija essenzjali, peress li żona Schengen akbar mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni se ssaħħaħ lill-UE; jenfasizza li d-dewmien tal-adeżjoni tar-Rumanija u tal-Bulgarija maż-żona Schengen għat-trasport bit-triq jista' jwassal għal sentiment anti-Ewropew f'dawn il-pajjiżi, u, konsekuttivament, iwassal għal tnaqqis fil-fiduċja fil-proġett tal-UE u fl-istituzzjonijiet tagħha; jenfasizza li s-sitwazzjoni attwali tmur kontra wieħed mill-prinċipji ewlenin Ewropej tal-moviment liberu; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni tanalizza l-proċeduri possibbli kollha biex tiddefendi d-dritt għal moviment liberu taċ-ċittadini Rumani u Bulgari;

19. Jinnota li ċ-ċittadini kollha tar-Rumanija u tal-Bulgarija huma diskriminati minħabba li jiffaċċjaw dewmien, piż burokratiku eċċessiv u spejjeż addizzjonali meta jivvjaġġaw għal skopijiet ta' turiżmu, xogħol, studju jew negozju barra mill-pajjiż, meta mqabbla mal-kontropartijiet tagħhom mill-pajjiżi ta' Schengen; jisħaq li l-verifiki tal-identità jżidu l-ispejjeż tal-merkanzija b'madwar 0,4 % sa 0,9 % tal-valur tal-kummerċ f'kull fruntiera ta' Schengen, filwaqt li għall-kummerċ fis-servizzi japplikaw spejjeż saħansitra ogħla; jisħaq li l-ispejjeż kummerċjali għaż-żona Schengen kollha jammontaw għal bejn EUR 6,5 biljun u EUR 13-il biljun fis-sena;
20. Jilqa' r-Rapport Speċjal 13/2022 "Moviment liberu fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 - Skrutinju limitat tal-kontrolli fil-fruntieri interni, u azzjonijiet mhux ikkoordinati li jitwettqu mill-Istati Membri"¹; iħeġġeġ kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri jimplementaw b'mod diliġenti r-rakkomandazzjonijiet delineati fih, inkluż skrutinju aktar mill-qrib tal-kontrolli fil-fruntieri, l-istabbiliment ta' proċeduri simplifikati għall-ġbir tad-data dwar ir-restrizzjonijiet, u l-għoti ta' gwida aktar azzjonabbli dwar l-implimentazzjoni; ifakkar ukoll fir-rwol tal-ECDC fit-tiħ tas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-gwida tiegħu;
21. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta emendata, f'konformità mal-Korsiji ta' Solidarjetà tagħha, għar-Regolament TEN-T rivedut f'Ġunju 2022, li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rabtiet mal-Ukrajna u mar-Repubblika tal-Moldova, billi testendi erba' Kurituri Ewropej tat-Trasport għal dawn il-pajjiżi ġirien; jilqa' l-fatt li fl-11 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni, iċ-Ċekja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna, il-Bank Ewropew tal-Investment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, u l-Grupp tal-Bank Dinji ppubblikaw Dikjarazzjoni Konġunta li tħabbar l-ippuljar ta' EUR 1 biljun għall-Korsiji ta' Solidarjetà biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' dawn il-kurituri tat-trasport; ifaħħar is-sejħiet iddedikati fi ħdan il-FNE Trasport 2022 immedija biex jappoġġjaw il-proġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-infrastruttura tat-trasport tul il-Korsiji ta' Solidarjetà u fil-Punti ta' Qsim tal-Fruntiera bejn l-UE u l-Ukrajna u l-Moldova, filwat li jisħaq li l-għajnuna u l-appoġġ kontinwi lill-Ukrajna huma tal-akbar importanza; f'dan ir-rigward jilqa' wkoll l-iffirmar tat-tliet ftehimiet ta' għotja fl-ambitu tal-FNE Trasport b'valur ta' kważi EUR 45 miljun biex jittejbu l-konnessjonijiet tat-trasport bejn il-Moldova u r-Rumanija tul in-network TEN-T, peress li l-proġetti se jimmodernizzaw l-infrastruttura tat-trasport fil-punti ta' qsim tal-fruntiera bit-triq f'Ungheni, Albița Leușeni, u Reni-Giurgiulești-Galați; jinnota li dawn l-investimenti se jsaħħu l-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna – ir-rotot użati minn

¹ https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR22_13/SR_free-movement-phase-I_MT.pdf

mindu r-Russja imblokkat il-portijiet tal-Ukrajna fil-Baħar l-Iswed biex jiġu ttrasportati l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-Ukrajna u tal-Moldova;

22. Jilqa' l-kontribut sostantiv tad-DĠ MOVE għall-pakketti sussegwenti tas-sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarusja: ifakkar li fl-avjazzjoni, dawn koprew kemm titjiriet b'inġenji tal-ajru proprjetà tar-Russja, jew operati jew ikkontrollati mir-Russja fl-ispazju tal-ajru tal-UE kif ukoll l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-avjazzjoni lejn ir-Russja jew l-appoġġ għall-użu ta' tali oġġetti mir-Russja, sabiex titrażżan il-konnettività internazzjonali tar-Russja u tiġi mxekkla l-industrija tal-avjazzjoni tar-Russja;
23. Ifaħħar l-inizjattiva tal-Fond Ewropew ta' Solidarjetà Volontarja għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru għall-Ukrajna u għall-Moldova taħt ir-responsabbiltà tal-Eurocontrol, bl-għan li jiġu sostnuti l-kostijiet tal-persunal/tat-taħriġ u kwalunkwe kost ieħor biex jiġi żgurat il-livell ta' tħejji operazzjonali meta t-traffiku tal-ajru jirkupra; barra minn hekk, jilqa' mekkaniżmu ieħor ta' solidarjetà tal-Eurocontrol biex jgħin lill-Istati l-aktar esposti li qed jitħabtu mal-effetti ta' tnaqqis qawwi fit-traffiku tal-ajru; jirrimarka li l-Istati Membri tal-Eurocontrol iddeċidew li jistabbilixxu żewġ fondi speċifiċi: wieħed fil-forma ta' donazzjoni lill-Ukrajna u lill-Moldova ta' EUR 46,5 miljun u l-ieħor fil-forma ta' self ta' EUR 46,1 miljun lill-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja;
24. Ifaħħar il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tat-trasport biex jgħinu lill-Ukrajna matul il-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u illegali tar-Russja bħall-proposta għal Regolament dwar il-liċenzji tas-sewqan Ukreni inkluża l-liċenzja tas-sewqan għas-sewwieqa professjonali;
25. Jilqa' l-fatt li l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia kisbu l-istatus ta' osservatur fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport (TCT) f'Novembru 2022;
26. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari 2.0, ippreżentat mill-Kummissjoni, li jibni fuq is-suċċess tal-ewwel pjan ta' azzjoni tal-2018; jenfasizza li l-pjan ta' azzjoni tal-2022 iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Mobbiltà Militari billi jindirizza t-theddid u l-isfidi li jirriżultaw mix-xenarju l-ġdid tas-sigurtà;
27. Jirrimarka li l-Istati Membri tal-UE fil-biċċa l-kbira jużaw l-istess infrastruttura tat-trasport kemm għall-movimenti u t-trasport ċivili kif ukoll għal daww militari; jenfasizza li fil-qalba tal-mobbiltà militari hemm il-ħtieġa li tiġi aġġornata l-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju tul in-network tal-mobbiltà militari – li tinkludi rotot tat-trasport multimodali konnessi minn ċentri loġistiċi – sabiex tkun kapaċi timmaniġġja trasport militari potenzjalment tqil u fuq skala kbira fi żmien qasir; jinnota għalhekk li t-tiħiħ tal-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju fit-TEN-T jinvolve l-iżvilupp ta' kurituri tat-trasport multimodali u nodi tat-trasport; iqis li, b'riżultat ta' dan, l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju permezz ta' kofinanzjament mill-istrument ta' finanzjament tal-FNE jkompli jkun pilastru essenzjali ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni; jirrimarka li, f'konformità mal-Boxxla Strateġika, l-UE se tkompli ssaħħaħ l-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju fin-network trans-Ewropew tat-trasport sabiex tippromwovi l-moviment rapidu u bla xkiel ta' persunal, materjal u tagħmir militari għall-iskjeramenti u l-eżerċizzji operazzjonali, filwaqt li taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib man-NATO u sħab oħra;

28. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċelerat l-evalwazzjoni għas-sejħa għal Mobbiltà Militari tal-FNE 2021 u antiċipat b'diversi xhur l-oportunitajiet ta' finanzjament tal-Mobbiltà Militari tal-2022; jinnota li dan wassal għall-għoti aktar rapidu ta' kważi EUR 1 biljun mill-fondi tal-FNE lill-komponenti infrastrutturali ewlenin b'użu doppju, li jkopru l-modi kollha tat-trasport u jgħinu fl-implimentazzjoni tal-infrastruttura b'użu doppju, pereżempju, it-titjib tal-parametri tekniċi għall-pontijiet u l-mini ferrovjarji, it-titjib tal-infrastruttura tal-ajruporti għat-traffiku ċivili-militari, u l-adattament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-infrastrutturi tal-portijiet; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tuża mill-ġdid il-finanzjament previst għall-istrument tad-difiża fuq terminu qasir; jieħu nota tal-finanzjament mill-Fond Ewropew għad-Difiża u l-proposta biex jissaħħu l-infrastrutturi strateġiċi tat-trasport tal-Unjoni biex isiru adatti għall-mobbiltà militari; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiżgura impenn ċar kif ukoll issib u tippreżenta soluzzjonijiet biex iżżid b'mod suffiċjenti l-linja baġitarja tal-mobbiltà militari lil hinn mill-Istrument ta' Flessibbiltà, sabiex issaħħa is-sigurtà Ewropea u tinkludi l-infrastruttura tal-mobbiltà militari fit-TEN-T; jirimarka li l-identifikazzjoni tal-lakuni u l-konġestjonijiet fl-infrastruttura fiżika tat-trasport fl-Istati Membri, li jistgħu jfixxlu l-iskjerament fi żmien qasir u l-iskjeramenti fuq skala kbira tal-forzi militari, se tiġi vvalutata fl-2023;
29. Jilqa' l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni f'Diċembru 2022 biex tħaffef il-finanzjament ta' 35 proġett ta' mobbiltà militari tul it-TEN-T; jinnota li l-evalwazzjoni aċċelerata tas-sejħa għall-Mobbiltà Militari tal-FNE 2021 skattat l-għoti aktar rapidu ta' kważi EUR 1 biljun tal-fondi tal-FNE għal komponenti infrastrutturali ewlenin b'użu doppju;
30. Ifakkar fir-Rapport Speċjali tal-Qorti 27/2021 "Appoġġ mill-UE lit-turiżmu – Ħtieġa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar"; ifakkar fir-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi strateġija ġdida konsolidata għall-ekosistema tat-turiżmu tal-UE f'kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex tiġi żviluppata aġenda tat-turiżmu effettiva għall-2030 u biex jiġu applikati proċeduri tal-għażla għall-investimenti fit-turiżmu ffinanzjati mill-FEŻR biex tiġi appoġġjata din l-orjentazzjoni strateġika ġdida; jissottolinja r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' investimenti relatati mat-turiżmu, f'konformità mal-aġenda strateġika;
31. Jappella għal eżempji ta' investimenti rilevanti ddedikati għas-settur tat-turiżmu relatati mad-diversifikazzjoni tal-offerta tat-turiżmu, l-estensjoni tal-istaġun tat-turiżmu, u l-iżvilupp ta' prodotti tat-turiżmu b'valur miżjud għoli jew immirati lejn gruppi speċifiċi, servizzi innovattivi u d-diġitalizzazzjoni;
32. Itenni t-talba tal-Parlament għall-ħolqien ta' linja baġitarja ġdida għat-turiżmu biex tappoġġja lil dan is-settur, li ntlaqat ħażin ħafna mill-COVID-19 u li issa qed ibati mill-kriżi tal-enerġija, l-inflazzjoni u qed jiffaċċja sfidi sinifikanti marbuta mal-impatti tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali fis-settur tat-trasport u tat-turiżmu; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija ġdida għas-settur tat-turiżmu u pjan direzzjonali għal turiżmu intelliġenti u sostenibbli appoġġjat minn mezzi baġitarji filwaqt li tqis ukoll li l-maġġoranza tal-industrija tat-turiżmu tikkonsisti minn SMEs;

33. Jipproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni u lill-aġenziji eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2022 fil-qasam tat-Trasport u t-Turiżmu.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f' dan l-Anness f' konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 3 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, Izaskun Bilbao Barandica, Ciarán Cuffe, Karima Delli, Carlo Fidanza, Mario Furore, Isabel García Muñoz, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Thomas Rudner, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Markus Ferber, Vlad Gheorghe, Roman Haider, Pär Holmgren, Ljudmila Novak, Dorien Rookmaker
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Viola von Cramon-Taubadel

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

30	+
ECR	Carlo Fidanza, Tomasz Piotr Poręba, Dorien Rookmaker
PPE	Magdalena Adamowicz, Markus Ferber, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Ljudmila Novak, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Vlad Gheorghe, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet
S&D	Andris Ameriks, Isabel García Muñoz, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Thomas Rudner, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Karima Delli, Pär Holmgren, Tilly Metz, Viola von Cramon-Taubadel

3	-
ECR	Peter Lundgren
ID	Philippe Olivier
The Left	Kateřina Konečná

2	0
ID	Roman Haider
NI	Mario Furore

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni